


[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Proċeduri Tal-qorti](#) > [Kawżi Ċivili](#) > [Ipproċessar Onlajn Ta' Każijiet U Komunikazzjoni Elettronika Mal-qrati](#) > [Croatia](#)

Ipproċessar onlajn ta' każijiet u komunikazzjoni elettronika mal-qrati

 Il-Kroazja

Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Huwa possibbli li jinbdew proċeduri fil-qorti permezz tal-internet?

Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regoli dwar il-formoli fil-proċedimenti ta' eżekuzzjoni, il-metodu ta' komunikazzjoni elettronika bejn il-parteċipanti u l-assenjazzjoni tal-kawżi lin-nutara pubbliċi (*Pravilnik o obrascima u ovršnom postupku, načinu elektroničke komunikacije između sudionika i načinu dodjele predmeta u rad javnom bilježniku*) (*Narodne Novine* (NN; Il-Gazzetta Uffiċjali tar-Repubblika tal-Kroazja) Nri 43/21 u 94/21) u l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni maħruġa mill-ministru responsabbli għall-affarijiet ġudizzjarji dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti tekniċi għall-komunikazzjoni elettronika bejn il-parteċipanti fi proċedimenti ta' eżekuzzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Amministrazzjoni (*Ministarstvo pravosuđa i uprave*), tnediet sistema li tippermetti li l-mozzjonijiet għall-eżekuzzjoni bbażati fuq strumenti awtentiċi jintbagħtu f'forma elettronika u li tingara mill-magni permezz tas-sistema e-Ovrha.

L-Att dwar il-Proċedura Ċivili (*Zakon o parničnom postupku*), (NN Nri 53/91, 91/92, 58/93, 112/99, 88/01, 117/03, 88/05, 02/07, 84/08, 96/08, 123/08, 57/11, 148/11, 25/13, 89/14, 70/19, 80/22, 114/22 U 155/23; minn hawn 'il quddiem: iz-ZPP) jipprevedi l-possibbiltà li jiġu ppreżentati dokumenti b'mod elettroniku permezz ta' sistema tal-IT. Dan ifisser li azzjoni biex jinbdew proċedimenti ċivili (jew mozzjoni biex jinbdew ċerti proċedimenti mhux kontenzjużi) tista' tiġi ppreżentata permezz ta' sistema tal-IT separata. Barra minn hekk, il-qrati jistgħu jużaw is-sistema tal-IT biex jagħtu d-deċiżjonijiet tagħhom f'kaxxa postali elettronika sigura. B'dan il-mod, ġie stabbilit kanal ta' komunikazzjoni bidirezzjonali permezz ta' sistema tal-IT iddedikata.

2 Jekk proċedura b'hal din teżisti, għal-liema tipi ta' każijiet hija disponibbli? Hemm proċeduri li huma disponibbli biss permezz tal-internet?

Mozzjoni għall-eżekuzzjoni bbażata fuq strument awtentiku tista' tiġi ppreżentata biss permezz tal-applikazzjoni online eOvrha. Fi kliem ieħor, il-proċedura biex jiġi eżegwit il-ġbir ta' pretensjonijiet monetarji tista' tinbeda biss b'mod elettroniku.

Proċedimenti oħra jinbdew bil-miktub, bil-possibbiltà li tintuża s-sistema ta' komunikazzjoni elettronika għall-iskambju elettroniku ta' sottomissjonijiet bejn il-partijiet u l-qorti.

Is-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet tal-istat, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, l-avukati, in-nutara pubbliċi, il-periti, l-assessuri tal-qorti, l-interpreti tal-qorti, l-amministraturi tal-insolvenza, il-kummissarji tal-qorti, ir-rappreżentanti msemmija fl-Artikolu 434a taz-ZPP, il-kummissarji fi proċedimenti ta' insolvenza tal-konsumatur, il-likwidaturi, il-kustodji speċjali impjegati fiċ-Ċentru ta' Tutela Speċjali (*Centar za posebno skrbništvo*), kif ukoll entitajiet ġuridiċi u persuni fiżiċi (negożjanti, tobba, eċċ.) involuti f'attività rreġistrata fejn it-tilwima tikkonċerna dik l-attività, iridu dejjem jiġu ppreżentati f'forma elettronika.

3 Din il-faċilità hija disponibbli f'kull ħin (jiġifieri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa) jew f'ħinijiet speċifiċi biss? Jekk hija disponibbli f'ħinijiet speċifiċi biss, x'inhuma dawn il-ħinijiet?

Il-mozzjonijiet għall-eżekuzzjoni bbażati fuq strumenti awtentiki jistgħu jiġu ppreżentati permezz tal-applikazzjoni online eOvrha u s-sottomissjonijiet jintbagħtu f'forma elettronika permezz tas-sistema tal-IT 24 siegħa kuljum.

4 Id-dettalji tat-talba għandhom ikunu pprovduti f'xi tip ta' format partikolari?

Mhux applikabbli.

5 It-trasferiment u ż-żamma tad-dejta kif isiru b'mod fiż-żgur?

Mozzjoni għall-eżekuzzjoni bbażata fuq strument awtentiku għandha tiġi ffirmata permezz ta' firma elettronika kwalifikata. Dan jippermetti lid-detenturi taċ-ċertifikat tal-firma meħtieġ jippreżentaw mozzjoni għall-eżekuzzjoni. L-istess prinċipju japplika għall-komunikazzjoni elettronika mal-qorti. Barra minn hekk, dawn is-sistemi jużaw ukoll timbru tal-ħin kwalifikat bħala timbru tal-ħin elettroniku li jorbot id-data u l-ħin mad-*data* b'tali mod li jipprekludi b'mod raġonevoli l-possibbiltà li jsir xi tibdil fid-*data* mingħajr ma jinqabad. It-timbru tal-ħin huwa bbażat fuq sors tal-ħin preċiż marbut mal-Ħin Universali Koordinat u huwa ffirmat bl-użu ta' firma elettronika avvanzata jew issiġillat b'siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat, jew b'xi metodu ekwivalenti.

6 Huwa meħtieġ li tintuża xi tip ta' firma elettronika u/jew sistema li biha jiġi rreġistrat il-ħin?

Mozzjoni għall-eżekuzzjoni bbażata fuq strument awtentiku trid tiġi ffirmata permezz ta' firma elettronika kwalifikata. Dan jippermetti lid-detenturi taċ-ċertifikat tal-firma meħtieġ jippreżentaw mozzjoni għall-eżekuzzjoni. L-istess prinċipju japplika għall-komunikazzjoni elettronika mal-qorti. Barra minn hekk, dawn is-sistemi jużaw ukoll timbru tal-ħin kwalifikat bħala timbru tal-ħin elettroniku li jorbot id-data u l-ħin mad-*data* b'tali mod li jipprekludi b'mod raġonevoli l-possibbiltà li jsir xi tibdil fid-*data* mingħajr ma jinqabad. It-timbru tal-ħin huwa bbażat fuq sors tal-ħin preċiż marbut mal-Ħin Universali Koordinat u huwa ffirmat bl-użu ta' firma elettronika avvanzata jew issiġillat b'siġill elettroniku avvanzat tal-fornitur ta' servizzi fiduċjarji kwalifikat, jew b'xi metodu ekwivalenti.

7 Għandhom jitħallsu xi tariffi tal-qorti? Jekk iva, kif jistgħu jitħallsu u hemm xi differenzi bejnhom u bejn it-tariffi għall-proċeduri mhux elettroniċi?

Meta jitressqu proċedimenti quddiem qorti, it-tariffi tal-qorti jitħallsu skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Tariffi tal-Qorti (*Zakon o sudskim pristojbama*) fl-ammont stabbilit fil-Lista tat-Tariffi tal-Qorti.

Is-sottomissjonijiet ippreżentati f'forma elettronika skont leġislazzjoni speċjali permezz tas-sistema tal-IT użata mill-qorti fil-ħidma tagħha huma suġġetti għall-ħlas ta' nofs l-ammont tat-tariffa speċifikat fil-Lista li jsir mal-preżentata tagħhom.

Id-deċiżjonijiet innotifikati mill-qorti f'forma elettronika skont leġislazzjoni speċjali permezz tas-sistema tal-IT użata mill-qorti fil-ħidma tagħha huma suġġetti għall-ħlas ta' nofs l-ammont tat-tariffa speċifikat fil-Lista, jekk il-ħlas isir fi żmien tlett ijiem mill-jum tan-notifika elettronika tad-deċiżjoni.

It-tariffi tal-qorti jistgħu jitħallsu permezz tas-sistema ta' komunikazzjoni elettronika jew billi tinhemeż prova tal-ħlas tat-tariffa mas-sottomissjoni mibgħuta permezz tal-komunikazzjoni elettronika.

8 Huwa possibbli li wieħed jirtira talba li l-proċeduri dwarha jkunu nbdev permezz tal-internet?

Kwalunkwe sottomissjoni speċifikata fiz-ZPP, inklużi dawk użati għall-irtirar ta' talba, tista' tintbagħat f'forma elettronika permezz tas-sistema tal-IT.

9 Jekk ir-rikorrent jibda proċeduri permezz tal-internet, huwa possibbli u/jew obligatorju li l-intimat jirrispondi permezz tal-internet ukoll?

L-intimat jista' jibgħat sottomissjonijiet f'forma elettronika permezz tas-sistema tal-IT irrispettivament minn jekk ir-rikorrent ikunx ippreżenta sottomissjoni elettronika jew le. L-Artikolu 106a(5) taz-ZPP jispeċifika liema persuni huma meħtieġa jibagħtu sottomissjoni lill-qorti f'forma elettronika.

10 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat jirrispondi għat-talba?

Proċedura li fiha intimat iwieġeb għal talba b'mod elektroniku ma tkunx differenti minn proċedura li fiha intimat jagħti r-risposta tiegħu f'forma mhux elettronika.

11 Fir-rigward tal-proċedura elettronika, x'jiġri jekk l-intimat ma jirrispondix għat-talba?

L-Artikolu 106a(5) taz-ZPP jistabbilixxi li s-sottomissjonijiet tal-awtoritajiet statali, tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, tal-avukati, tan-nutara pubbliċi, tal-periti, tal-assessuri tal-qorti, tal-interpreti tal-qorti, tal-amministraturi tal-insolvenza, tal-kummissarji tal-qorti, tar-rappreżentanti msemmija fl-Artikolu 434a tal-Att, tal-kummissarji fil-proċedimenti tal-insolvenza tal-konsumatur, tal-likwidaturi, tal-kustodji speċjali impjegati fiċ-Ċentru ta' Tutela Speċjali, kif ukoll tal-entitajiet legali u tal-persuni fiżiċi (negozjanti, tobba, eċċ.) involuti f'attività rreġistrata fejn it-tilwima tikkonċerna dik l-attività, iridu dejjem jiġu ppreżentati f'forma elettronika.

Jekk kwalunkwe waħda minn dawk il-persuni tonqos milli twieġeb għal talba f'forma elettronika, il-qorti tordnalhom jagħmlu dan fi żmien 8 ijiem. Jekk jonqsu milli jippreżentaw is-sottomissjoni tagħhom f'forma elettronika sat-terminu speċifikat, is-sottomissjoni titqies li ġiet irtirata.

12 Huwa possibbli li wieħed iressaq dokumenti quddiem il-qorti b'mod elektroniku u jekk dan huwa possibbli f'liema proċeduri u b'liema kundizzjonijiet jista' jsir?

Iz-ZPP jipprevedi l-possibbiltà li jiġu ppreżentati sottomissjonijiet u dokumenti mehmuża mas-sottomissjonijiet f'forma elettronika permezz ta' sistema tal-IT. Id-dokumenti ppreżentati elettronicament iridu jiġu ffirmati permezz ta' firma elettronika kwalifikata skont il-leġiżlazzjoni speċjali. Meta dokumenti pubbliċi li huma diġà disponibbli f'forma elettronika jiġu mehmuża mas-sottomissjoni, dawn għandhom jiġu ppreżentati bħala dokumenti oriġinali ffirmati elettronicament mill-emittent tad-dokument. Filwaqt li s-sottomissjoni elettronika trid tkun f'format PDF, id-dokumenti mehmuża jistgħu jiġu pprovvduti fi kwalunkwe forma elettronika.

13 Id-dokumenti ġudizzjarji, b'mod partikolari s-sentenzi, jistgħu jiġu nnotifikati permezz tal-internet?

Ġie żviluppat u implimentat servizz elektroniku ta' noticeboard (*e-Oglasna ploča*), li jagħmilha possibbli li d-dokumenti ġudizzjarji jiġu nnotifikati lill-parteċipanti tal-proċedimenti tal-qorti permezz tal-e-Noticeboard tal-qorti bl-użu ta' soluzzjonijiet tal-IT.

L-e-Noticeboard tippubblica s-sentenzi skont il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 335 taz-ZPP u d-dokumenti kollha skont l-Artikolu 8 tal-Att dwar l-Eżekuzzjoni (Ovršni zakon) (NN Nri 112/12, 25/13, 93/14 u 55/16, 73/17, 131/20, 114/22

u 06/24).

Barra minn hekk, l-Avviżiera elettronika tippubblika d-dokumenti kollha li jiġu ppubblikati skont ir-regoli proċedurali fuq l-avviżiera tal-qorti.

Barra minn hekk, il-qorti jistgħu jużaw is-sistema tal-IT biex jagħtu d-deċiżjonijiet tagħhom f'kaxxa postali elettronika sigura.

14 Id-deċiżjoniet ġudizzjarji jistgħu jingħataw b'mod elettroniku?

Dan mhux possibbli.

15 Jista' jsir appell permezz tal-internet u d-deċiżjoni li tittieħed fih tista' tiġi nnotifikata permezz tal-internet?

Kwalunkwe sottomissjoni speċifikata fiz-ZPP, inklużi l-appelli, tista' tintbagħat f'forma elettronika permezz tas-sistema tal-IT. Il-Qorti tista' tagħti d-deċiżjoni tagħha dwar l-appell lill-kaxxa postali elettronika sigura tad-destinatarju bl-użu tas-sistema tal-IT.

16 Jistgħu jinbdew proċeduri ta' eżekuzzjoni permezz tal-internet?

Mozzjoni għall-eżekuzzjoni bbażata fuq strument awtentiku tista' tiġi ppreżentata biss permezz tal-applikazzjoni online eOvrha. Fi kliem ieħor, il-proċedura biex jiġi eżegwit il-ġbir ta' pretensjonijiet monetarji abbażi ta' strument awtentiku tista' tinbeda biss b'mod elettroniku.

17 Il-partijiet jew ir-rappreżentanti legali tagħhom jistgħu jikkonsultaw il-każijiet onlajn? Jekk iva, kif?

Mhux applikabbli.

L-aħħar aġġornament: 27/10/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.